

*Kitba ta'*
**Dr. Ugo Mifsud Bonnici**
***President Emeritus***

# Tislima lil Ġużè Chetcuti



Ġużè Chetcuti (1914-2006) kien patrijott, prożatur, poeta, u ħabib. Patrijott Bormliż. Twieled Bormla u ħabb lill-Belt Cospicua. Għalkemm għex għal ħafna snin barra minn beltna, ma kienx jonqos li jiġi fostna fil-festa u fl-Irxoxt, u f'kull okkażjoni li tinqala'. B'qalbu baqa' dejjem hawn. Meta konna niltaqgħu dejjem isemmi Bormla. Għalih kienet tfisser l-identità vera tiegħu. Kien ukoll patrijott Malti. Kien iħobb ilsienna, anzi ddedika ħajtu għall-Malti u l-kitba bil-Malti, kien iħobb l-istorja ta' pajjiżna. Il-ġrajja tagħna bħala poplu kien kburi wisq bihom.

Għamel isem bħala rumanzier: kiteb disa' rumanzi u ħames ġabriet ta' novella. Kiteb ukoll erba' drammi. Kellu pinna qawwija u ħawtiela. U kellu, fuq kollox imħabba lejn il-bnedmin u kapaċità kbira biex jiddiskrivi l-karattri tagħhom, kliemhom, kif ukoll l-ambjent fejn jgħixu. Id-djalogi tal-karattri tiegħu kienu naturali, għaliex il-lingwa li kien juża kienet dik li trabba fiha: dik tal-belt tagħna.

Għamel isem ikbar bħala poeta. Kiteb poeżiji kontinwament għal medda ta' sebgħin sena sħaħ. Kiteb fuq il-familja, kiteb fuq pajjiżna. Kien poeta li kanta lil Malta fil-gwerra, li għex mill-qrib, kanta wkoll lil Malta fl-iżvilupp soċjali tagħha. Kien poeta reliġjuż: ma nistgħux ninsew l-oratorju tiegħu lil Marija Immakulata. Il-versi tiegħu kienu ħerġin mill-qalb. U bla ma jaqtgħu xejn, għaliex Ġużè Chetcuti kellu vina poetika mimlija ispirazzjoni, u kitba mill-iktar faċli. Kienet kitba wkoll li tinftiehem u tingħoġob.

Chetcuti kien iddedikat għall-ilsien Malti, iżda kien jaf u jiggosta l-ilsna u l-letteraturi tagħhom. Barra mill-Ingliż huwa kien jaf tajjeb kemm it-Taljan kif ukoll il-Franċiż. Qaleb għall-Malti drammi ta' Luigi Pirandello, poeżiji ta' Salvatore Quasimodo, kif ukoll dramm sħiħ ta' missieri *Giuditta di Betulia*, kif ukoll il-ktieb ta' poeżiji ta' Giovanni Curmi *Cenere*. Kellu mbagħad xogħlijiet tiegħu li ġew tradotti għat-Taljan u oħrajn għall-Ingliż.

Jien kelli x-xorti li nkun nafu mill-qrib u kont ingawdi l-ħbiberija tiegħu. Madankollu Chetcuti kien ħabib ta' kulħadd. Kien jieħu pjaċir jiltaqa; man-nies u jitkellem magħhom. Il-ħbiberija kienet ġewwa fih, parti mill-essri tiegħu.

Huwa kien ukoll għalliem; kellu attenzjoni kbira għall-grammatika, u kien jaf jgħallem. Iltqajt ma' numru kbir ta' nies, li llum jokkupaw pożizzjonijiet importanti fis-soċjetà Maltija, illi tgħallmu mingħandu.

Fis-26 ta' Settembru ta' din is-sena fl-*Auberge de Castile*, saret serata kommemorattiva, taħt il-presidenza tal-Prim Ministru, organizzata mill-Ministru ta' l-Edukazzjoni. Kienet okkażjoni uffiċjali li biha dan il-kompajżan tagħna ġie mweġġaħ min-nazzjon kollu wara mewtu, u anke f'ħajtu kien ingħata l-medalja ta' l-Ordni tal-Mertu. Kelli l-pjaċir li nitkellem f'Kastilja, u l-unur li l-medalja tal-mertu kont waħħaltha fuq sidru jien meta kont President. Kien ħaqqu dan il-ġieħ u iktar. Meta għalaq tmenin sena kienet saret ukoll serata b'ġieħu mill-Għaqda tal-Poeti Maltin, li kont ospitajt fil-Palazz tal-Belt Valletta, u anke l-Każin tal-Banda San Ġorġ kien taħ il-ġieħ li kien jistħoqqlu.

Ta' min iżommu bħala eżempju: eżempju ta' letterat li qatt ma nqata' mill-ħajja tan-nazzjon, ta' poeta li kien għożż il-familja tiegħu, dik li fforma hu: lill-ewwel mara Lina, l-imħabba ta' żgħożitu, lit-tieni mara li akkumpanjatu fi xjuħitu wara li romol, lil uliedu, u l-familja mnejn ħareġ, il-ġenituri u lil ħutu, speċjalment lil ħuh Ġorġ, poeta ieħor Bormliż li miet dan l-aħħar, warajh, fl-Awstralja, ta' poeta reliġjuż, li kanta lill-Madonna b'mod speċjali. Ta' rumanzier li ddeskriva tant tajjeb lill-poplu tagħna bil-merti u d-difetti tiegħu kollha. Ta' grammatiku u studjuż tal-letteratura u ta' l-ilsien. Ta' ħabib bla għira jew ħjiena. Nagħmel appell lil ħuti Bormliżi biex jaqraw ix-xogħlijiet tiegħu għaliex huma ta' fejda kbira. Speċjalment, iżda mhux biss għaż-żgħażagħ.

THREE CITIES
FISH SHOP
Raymond ta' Gustu
Tel: 2189 5822 Mob: 9944 2924

TOPS 'N' TAILS

You both deserve the elegance
of a new range of clothes
on your special occasions.
*To look smart and elegantly dressed, why not visit us for a wide selection of tails, dinner jackets, spencer and morning suits.*
*Even Coloured Suits available at:*
51, Marina Street, Pietà • Tel: 21 235666 • Fax: 21 227110